*Stqarrija ghal Media*

# Il-Ligi Opportunitajiet Indaqs
# Tajjeb ghalik - Tajjeb ghalija

**Prezntazzjoni ta' Ktejjeb u Laqgha mal-
Ghaqdiet Mhux Governattivi**

Dar il-Mediterran tal-Konferenzi, Valletta
Il-Gimgha, 29 ta' Settembru 2006

Fl-2000, pajjizna llegizla biex diskriminazzjoni kontra persuni b'dizabilita' tigi llegali permezz tal-Ligi Opportunitajiet Indaqs.

Wara hames snin ta' hidma, il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita', l-entita' responsabbli mit-thaddim ta' din il-Ligi, hasset il-htiega li taghmel  kampanja biex pajjizna jkun aktar konxju ta' din il-Ligi, kif tista' tintuza u l-beneficcji li din iggib maghha mhux biss ghal dawk li huma direttament konnessi maghha, il-persuni b'dizabilita u l-familjari taghhom, imma ghas-Socjeta ingenerali. Il-Kummissjoni hi konvinta li din il-ligi hi tajba ghal kulhadd, ghalik u ghalija.

Il-qofol ta' din il-kampanja pubblicitarja hi ktejjeb informattiv li gie pprezentat waqt konferenza ghal media kollha li saret fic-~entru Hidma Socjali, Santa Venera u li kienet indirizzata mic-~ermen tal-Kummissjoni s-sur Joseph M. Camilleri u l-kap tat-Taqsima Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni s-Sinj Marianne Debono. Il-Kummissjoni qed tahdem biex din il-pubblikazzjoni ssir ukoll bl-Ingliz u fuq audio.

Barra minn hekk nhar il-Gimgha, 29 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni se xxandar riklami pubblicitarja dwar din il-ligi fuq il-gazetti u l-istazzjonijiet tar-radju u t-televixin kollha.

Il-Kampanja taghlaq b'laqgha ghall-ghaqdiet kollha li jahdmu f'dan il-qasam. Din il-laqgha se ssir il-Gimgha fil-ghaxija f'Dar il-Mediterran ghall-Konferenzi, Valletta mis-6.00pm 'il quddiem.

Kopja ta' dan il-ktejjeb jista' jinkiseb mill-ufficini tal-Kummissjoni gewwa c-~entru Hidma Socjali, Santa Venera jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

Din il-kampanja kollha saret mill-Kummissjoni bis-sapport finanzjarju tal-Programm tal-Unjoni Ewropea biex Tiggieled id-Diskriminazzjoni.